MES/EOI/01/2026

Applikazzjoni għas-Sejħa għall-Espressjoni ta' Interess - Parteċipazzjoni għall-iskema tas-servizzi offruti minn Gyms għall-Għajnuna Finanzjarja għaż-Żgħażagħ

Iffinanzjata mill-Ministeru għall-Edukazzjoni u l-iSport

Novembru 2026

Kuntest

Il-Ministeru għall-Edukazzjoni u l-iSport huwa impenjat li jrawwem stil ta' ħajja aktar b'saħħitha fost iż-żgħażagħ f' Malta u Għawdex. Filwaqt li jirrikonoxxi l-ħtieġa li jippromwovi l-attivita' fiżika u l-benesseri, il-Ministeru żviluppa l-Youth Fitness Support Scheme (YFSS).

Din l-inizjattiva għandha fil-mira **liż-żgħażagħ ta' bejn is-16 u l-21 sena**, u toffrilhom sitt xhur ta' sħubija b 'xejn fil-gym. L-iskema hija allinjata mal-prijoritajiet nazzjonali għall-promozzjoni tas-saħħa u l-iżvilupp taż-żgħażagħ, bil-għan li tinħoloq kultura ta' kuxjenza dwar is-saħħa fost iċ-ċittadini żgħażagħ filwaqt li jitnaqqsu l-ispejjeż tas-saħħa pubblika fit-tul.

Proposta

L-iskema għandha l-għan li tinkoraġġixxi l-attendenza f'gyms fost iż-żgħażagħ eliġibbli billi tkopri l-ispejjeż għal sitt xhur tal-abbonament tagħhom u b'hekk tappoġġja l-attività fiżika u l-benesseri ġenerali.

Karatteristiċi ewlenin tas-sistema huma:

1. Kopertura finanzjarja għal sitt xhur.
2. Kollaborazzjoni ma' gyms irreġistrati madwar Malta u Għawdex.
3. Proċess sempliċi ta' applikazzjoni online u verifika permezz ta' pjattaforma ddedikata.

Espressjoni ta' Interess

Il-Ministeru għall-Edukazzjoni u l-iSport qed joħroġ Sejħa għall-Espressjoni ta' Interess għal dawk il-gyms interessati li joffru s-servizzi tagħhom fl-iskema.

Kriterji għall-parteċipazzjoni:

L-iskop primarju tal-applikanti għandu jkun orjentat lejn il-benesseri u t-titjib tas-saħħa. Il-gyms jistgħu jikkwalifikaw għall-eliġibbiltà abbażi tal-kriterji li ġejjin.

- L-applikanti għandhom jissottomettu dokumentazzjoni fuq l-indirizz elettroniku mniżżel hawn taħt sabiex juru minn tal-inqas 6 sa 12-il xahar ta' esperjenza jew operat attiv bħala gym.
- Il-faċilitajiet għandhom ikollhom dak kollu neċessarju għal min ser ikun qed jibda' l-gym għall-ewwel darba.
- Joffru servizz ta' gym instructor professjonali.
- Deskrizzjoni tas-servizzi u l-faċilitajiet offruti mill-gym.
- Numru tal-VAT.

Dawk il-parteċipanti interessati huma mitluba jagħfsu fuq il-ħolqa https://workflow.gov.mt/eservice/S11474?language=mt u jimlew id-dettalji mitluba.

Data u Ħin ta' Għeluq

L-applikazzjonijiet għandhom jaslu sa mhux aktar tard **min-nofsinhar tal-4 ta' Diċembru 2026.**

Spiża għal Kull Abbonament

€300 (VAT inkluż) għal kull żagħżugħ għal minimu ta 6 xhur.

Proċess ta' Għażla

Wara li jsiru l-verifikazzjonijiet neċessarji, dawk il-gyms eliġibbli jidħlu fi ftehim mal-Ministeru.

Mistoqsijiet

Talbiet għal kjarifiki għandhom jintbagħtu fuq l-indirizz elettroniku li ġej: yfss.mes@gov.mt sa mhux aktar tard **min-nofsinhar tas-27 ta' Novembru 2026**.